

Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni**tas-7 ta' Diċembru 2018****li jirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE****(Il-Każ AT.40461 — DK/DE Interconnector)***(notifikat bid-dokument C(2018) 8132)***(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)***(2019/C 58/09)*

Fis-7 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE]. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ⁽¹⁾, il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tip-pubblika l-ismijiet tal-partijiet u tal-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, inkluża kull piena imposta, fid-dawl tal-interess leġittimu tal-imprezi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.

- (1) Il-każ jikkonċerna TenneT TSO GmbH ("TenneT"), operatur Ġermaniż tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriċità.
- (2) It-tħassib tal-Kummissjoni kien li TenneT setgħet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha għat-trażmissjoni tal-elettriċità fuq in-network tagħha billi llimitat b'mod sinifikanti l-kapaċità kummerċjali fuq l-interkonnettur tal-elettriċità bejn il-Ġermanja u d-Danimarka tal-Punent ("l-interkonnettur DE-DK1") li wassal għal kompartmentalizzazzjoni tas-suq intern u diskriminazzjoni bejn utenti tan-network fuq il-bażi tal-post ta' residenza tagħhom.
- (3) Il-Kummissjoni tqis li l-impenji offruti wara l-valutazzjonijiet preliminari u l-kummenti ppreżentati minn terzi persuni interessati huma biżżejjed biex jindirizzaw it-tħassib identifikat dwar il-kompetizzjoni. L-ewwel nett, l-impenji jipprovdu li l-kapaċità massima tal-interkonnettur DE- DK1 għandha tiġi offruta lis-suq billi jitqiesu raġunijiet leġittimi ta' operazzjoni sigura tan-network. It-tieni, l-impenji jipprovdu għal kapaċità minima garantita fis-siegħa li tagħxi bħala salvagwardja u ttiprovdi lill-parteċipanti fis-suq bi prevedibbiltà fuq il-kapaċità disponibbli għall-kummerċ. Fl-aħħar nett, l-impenji jipprovdu għal żieda gradwali tal-kapaċità minima garantita fis-siegħa wara l-ikkummissjonar tal-espansjoni pplanata tal-kapaċità tal-interkonnettur DE-DK1.
- (4) Id-deċiżjoni sabet li, fid-dawl tal-impenji offruti, ma għadx hemm bażi għal azzjoni mill-Kummissjoni. Id-Deċiżjoni għandha tkun vinkolanti għal disa' snin.
- (5) Il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Prattiċi Restrittivi u Pożizzjonijiet Dominanti ħareġ opinjoni favorevoli fit-28 ta' Novembru 2018.

⁽¹⁾ ĠUL 1, 4.1.2003, p. 1.